PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10833 - FRANKLIN RESOURCES / BNY ALCENTRA GROUP HOLDINGS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 320/22)

1. Fit-12 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Franklin Resources, Inc. ("Franklin Templeton", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— BNY Alcentra Group Holdings Inc. ("Alcentra", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn The Bank of New York Mellon Corporation (l-Istati Uniti tal-Amerka).

Franklin Templeton se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Alcentra kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Franklin Templeton hija organizzazzjoni globali ta' ġestjoni tal-investiment li tipprovdi ġestjoni tal-investiment u servizzi relatati lil investituri fil-livell tal-konsumatur, istituzzjonali u ta' valur nett għoli madwar id-dinja permezz tal-prodotti ta' investiment tagħha,

— Alcentra hija ditta tal-ġestjoni tal-assi globali attiva li timmaniġġa dejn ta' grad ta' sottoinvestiment, b'għarfien espert globali f'self superjuri, self dirett, dejn intermedju, bonds b'rendiment għoli, sitwazzjonijiet f'diffikultà, kreditu strutturat u prodotti ta' diversi strateġiji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10833 - FRANKLIN RESOURCES / BNY ALCENTRA GROUP HOLDINGS

([1]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË